**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Guramentat Nru.: 439/2010 MH**

**Illum 2 ta' Gunju, 2017**

**Francis Schembri (ID 1037347M)**

**Vs**

**Philip Cassar (ID 343586M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat datat 30 ta' April, 2010[1], fejn gie premess illi:

1. *Premess illi nhar it-Tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), waqt illi r-rikorrent attur kien qieghed fuq xogholu, safa vittma ta' incident u sofra griehi gravi u debilita' permanenti;*

2. *Premess illi l-incident sehh waqt li l-konvenut intimat kien qieghed jopera high up, u dan biex jerfa' bajla, liema bajla waqqghet fuq ir-rikorrent attur, u dan kif jidher mill-anness rapport tal-pulizija PIRS (Dok A);*

[1] Fol 1

INFORMALI

3. *Premess illi ghal dan l-incident jahti unikament il-konvenut intimat u dan minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, nuqqas ta' osservanza tar-regoli, kif ukoll minhabba nuqqas ta' prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident de quo.*

4. *Premess illi r-rikorrent attur sofra griehi gravi a kawza ta' dan l-incident tant illi kien fil-perikolu tal-mewt.*

5. *Premess illi minhabba dan l-incident, r-rikorrent attur ma setax ikompli fis-sengha tieghu, u huwa prekluz ghal dejjem milli jaghmel xoghol manwali, bhal qabel l-incident.*

6. *Premess illi l-intimat konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-accettazzjoni ta' responsabilita', likwidazzjoni ta' danni u hlas ta' danni hekk likwidati, permezz ta' ittra ufficcjali ta' nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) hawn annessa u mmarkata (Dok B), kif wkoll l-ittra ufficcjali tad-disa' u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010)(Dok C) izda baqa' inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-attur rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara lill-intimat konvenut unikament responsabbli tal-incident li sehh nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mir-rikorrent attur, f'liema incident ir-rikorrent attur sofra danni fuq il-persuna tieghu, u dan ghar-ragunijiet fuq indikati u kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent attur, a kawza ta' dan l-incident, anke bil-hatra ta' periti nominandi; u*



INFORMALI

3. *Tikkundanna lill-intimat konvenut ihallas lir-rikorrent attur in linea ta' danni l-ammont hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' nhar is-sitta' (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) u tad-disa' u ghoxin (29) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kontra l-intimat konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha[2] datat 3 ta' Gunju, 2010.

Rat ir-risposta guramentata datata 21 ta'Mejju, 2010[3] fejn gie eccepiet illi:

1. *Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-incident tat-2 ta' Mejju 2008, l-esponenti ma kellu x'jaqsam xejn ma l-akkadut u dan peress li li kien l-attur stess flimkien ma ibnu li kienu qed jikkontrollaw b'idejhom il-bajla msemmija f'dan l-incident;*

3. *Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandux jirrispondi ghall-ebda Danni li sofra l-attur imma ghandu jirrispondi ibnu stess u l-istess attur ghall-incident u dank if se jigi pruvat waqt il-mori tal-kawza u waqt il-provi prodotti.*

4. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjatament ir-ritratti li ghalihom saret ampja referenza fix-xhieda u kull dokument esebit mill-attur in sostenn tad-danni minnu pretizi[4].

INFORMALI

---

[2] *Diversament preseduta a fol 13*
[3] *Fol 17*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur Francis Schembri[5]. Semghet ukoll it-trattazzjoni ghal konvenut Cassar[6].

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza li titratta dwar griehi sofferti mil-attur meta huwa kien fuq lant tax-xoghol jghin lil ibnu Clint, meta fil-fatt waqghet bajla fuq rasu u kkagunatlu griehi ta' natura gravi. In succint jirrizulta lli kien qed isir xoghol ta' tqeghid ta'madum, fost l-ohrajn, gol-fond indikat fir-rikors guramentat. L-operat kien kondott billi l-konvenut kien qed joppera *high-up* li mieghu kellu mdendla bajla, dan biex jittella' r-ramel. Ghalhekk din kienet qed tintela bir-ramel, tittella sat-tieni sular fejn Clint iben l-attur kien qieghed jittippja l-istess bajla biex din titbattal.

Dan l-operat kien ilu ghaddej sa minn fil-ghodu sa l-erbgha ta' wara nofs in-nhar (4.00p.m.), meta ghar-ragunijiet insaputi l-bajla meta kienet gia ddawwret bil-*jib* ghal barra, allura kienet inqalghet minn mal-binja, ghax tbattlet u bdiet titnizzel, inqalghet minn mal-ganc bil-konsegwenza li waqat zewg sulari u giet fuq ras l-attur. Ikkagunatlu griehi ta' natura gravi.

Minhabba f'hekk din il-Qorti diversament preseduta nnominat lil **Mr Carmel Sciberras** biex jiddettermina hu l-griehi sofferti mill-attur, u jekk ikun il-kaz il-persentagg ta' debilita' minnu sofferti kagun ta' dan.

Rat ir-rapport esebit[7] mill-istess espert li kkonkluda:

"*Is-sur Schembri garrab hsara gravi fil-mohh minhabba d-daqqa li qala' fuq rasu.*

[4] Fol 11, 22, 26, 27, 28, 29, 35 u 69.
[5] Folio 249
[6] Folio 243.
[7] Fol 50



INFORMALI

*Ghalkemm ghamel xi ftit passi 'l quddiem, l-aktar fir-rigel ix-xellugi, qatt mhu ser jigi normali. Dejjem ser jkun jiddependi minn haddiehor ghal hafna attivitajiet tal-hajja ta' kuljum.*

*Barra minn hekk, qieghed fuq il-Warfarina permanenti. Din tnaqqas id-demm u s-sur Schembri irid joqghod attent li ma jirqaqlux izzejjed id-demm billi jeazmina d-demm spiss. Irid ukoll joqghod attent x'medicini jiehu ghax dawn jistghu jahdmu hazin mal-Warfarina.*

***Dizabilita'*** *: 75% (**hamsa u sebghin fil-mija**)"*[8]

Hawn ghandu jigi rilevat li quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-konvenut kien presenta nota bil-hsieb li jigu mahtura periti adizzjonali[9]. Pero din it-talba qatt ma giet prosegwita jew trattata tul il-mori tal-kawza u konsegwentement din it-talba baqghet qatt ma giet trattata.

Giet esebita ukoll ir-relazzjoni tal-**Inginier Claude Farrugia** li huwa rrelata fil-kors tal-Inkjesta' Magisterjali[10]. Ikkonkluda fl-istess:

*"Ma nstabet ebda raguni ovvja ghalfejn il-bajla nqalghet minn mal-ganc u waqghet fuq il-vittma.*

*Pero' l-unika ipotesi kif setgha sehh l-incident hija li l-bajla spiccat tigi mgholija bil-manku jistrieh f'xifer il-ganc bis-safety latch jistrieh fuq il-manku.... U wara il-manuvri tal-high-up, din waqghet ghal isfel"*[11]

L-istess inginier xehed illi l-bajla vojta kienet tizen circa tlieta u erbghin (43) kilos. Dwar il-mekkanizmu tat-*truck* li kien qed ihaddem lil bajla in kwistjoni qal illi din kellha *handle* li kien ukoll *swivel*, li meta tkun f'posizzjoni wieqfa tillokja ruhha mal-bajla biex b'hekk ma tinqalibx waqt li qed tintrefa'. Ghalhekk spjega li kien hemm dan il-*latch* fuq il-bajla.

---

[8] Fol 52-53
[9] Fol 55
[10] Fol 85 Dok. X

Spjega li l-crane kellu ganc li mieghu tkun imdendla l-bajla, u li l-istess ganc kellu *safety latch* biex b'hekk ix-xoghol, cioe il-bajla bit-tghobija, ma tkunx tista taqbez il'barra mill-ganc.

Spjega illi l-ganc kellu dina s-*saftey latch*, (mhux *match* kif fil-fatt hemm traskritt), li kellha ukoll *weight* biex b'hekk kagun tal-gravita' din tinzel darba li tkun f'posizzjoni vertikali u b'hekk il-*latch* jaghlaq max-xifer ta' ganc. Ghamel referenza ghal varji ritratti esebiti fl-atti, anke mar-relazzjoni tieghu biex ifiehem dan. Spjega li dan kien principju ta' moviment u cioe' jekk il-piz l-iehor ikun itqal minn dak tal-*latch*, allura darba lil bajla tkun f'posizzjoni wieqfa dana bl-istess piz jaghlaq.

Spejga ukoll illi hawn si tratta ta' *weight* u forza vertikali, ghalhekk ghalkemm il-bajla ma kienetx imwahhla mal-crane il-forza ezercita tat it-tnejn minnhom fil-moviment kienet dejjem wahda vertikali. Dan fi kliemu kien iffisser illi l-ganc u l-bajla dejjem kienu se jkun f'direzzjoni wahda. Ghalhekk eskluda bhala *"highly unlikely"*[12] dak li kien qed jigi suggerit lilu mill-avukat tal-attur illi li xi manuvra mghaggla tal-crane setghet ikkagunat il-bajla biex tinqala minn mal-ganc.

Dwar dak minnu konkluz bhala **l-unika ipotesi**[13] kif setghet inqalghet il-bajla kif hawn fuq citat, spjega li hu ma sab xejn li seta jindikalu illi is-*saftey latch* ma kienetx f'postha waqt li kienet ghaddejja l-attivita' tax-xoghol. Qal li ma ikkonstata xejn li kien indikattiv illi mal-ganc kien hemm xi haga imbaghbsa jew mibdula. Jghid li sahansitra issimulaw il-manuvri li kien qed jaghmel il-*high up* fl-operat tieghu qabel l-incident u ma gew ikkonstatati ebda skossianzi ighid illi *" ...il-moviment tal-crane kien smooth hafna u ma kienx hemm skossi.* Senjatament zid dan illi *"Prattikament jekk il-bajla qeghda fil-ganc u s-safety latch qieghed fil-posizzjoni u ma tintlaqat ma imkien..tant hu hekk li ghamilna spezzjoni tal-iscaffold biex naraw jekk kienx hemm xi daqqiet, prattikament ma kien hemm xejn li jidher li din setghet ntlaqtet u qabzet 'l barra".*[14]

---

[12] Fol 79.
[13] Enfasi tal-Qorti.
[14] Fol 80.



INFORMALI

Ikompli jixhed *"L-unika haga kif semmejt..li waqt li kien ghaddej ix-xoghol, ma kienx l-ewwel vjagg dan li kien qed jgholli jista jkun li waqt li kien qed jghabbi ma qabbadx il-ganc forsi aljenazzjoni u s-saftey latch ma tpoggiex lura f'postu."*[15]

[…..]

*" Jekk is-safety latch tkun fil-posizzjoni maghluqa, m'ghandhiex ghalfejn tohrog il-bajla. Tohrog il-bajla biss jekk tkun hemm xi forza esterna u tghawweg is-safety latch 'l barra mill-ganc u ma jidhirx li kien il-kaz"*[16]

[…]

*"Jekk il-posizzjoni tal-manka qeghda fil-parti ta' isfel tal-ganc, xi pulzier u nofs, biex tgholli bajla li tizen 43 kilos wehedha plus ir-ramel, irid ikollok forza sostanzjali biex tqabbizha l'barra mill-ganc. Irid ikun hemm forza biex jaqbez."*[17]

Zid ukoll illi biex ikun hemm *tipping,* cioe biex tigi mbattla l-bajla, ma kienx hemm bzonn lil bajla tinqala, jghid li l-istess bajla hija ddisinjata b'tali mod li tibqa mdenddla.

Aktar tard in kontro ezami kkonferma illi mill-ezamijiet minnu kondotti ma kienx hemm indikazzjoni ta' tbaghbis. Baqa insistenti lli ma kienx hemm ghalfejn tinqala l-bajla biex titbattal.

Insista li anke li kieku l-bajla messet ma l-iscaffolding, stante li s-*saftey latch* kien wehed mekkaniku, jahdem bil-gravita', dana kien iffisser illi din ma kellhiex tohrog minn postha stante li l-bajla minhabba l-istess gravita' kienet tigbed u toqghod 'l isfel. Insista li ghalih kollox kien jahdem. Anzi jghid illi bla *load* il-bajla setghet giet mghollija minn persuna. Jghid ukoll illi l-mod kif giet iddisinjata l-bajla hu li din darba li tmiss l-art ma tistax taqlibha. Dwar l-iscaffolding eskluda li l-bajla kellha impatt qawwi mieghu.

---

[15] Ibid.
[16] Fol 81.
[17] Fol 81.



INFORMALI

Gie inkluz ukoll mar-rapport ta' l-Inginier Calleja rapport rilaxxat mill-**Inginier N. Bellizi** Occupational Health & Safety Authority[18] *trattando* ta' certifikat dwar it-truck/*high-up* in kwistjoni. Anke dan ikkonkluda illi ma sab ebda difett fil-makkinarju ezaminat[19].

Gie esebita ukoll ir-relazzjoni tal-**Perit Richard Aquilina[20],** relazzjoni li l-istess perit kien irrediga wara n-nomina tieghu fl-inkjesta Magistejali.

Senjatament ikkonkluda is-segwenti;

*"L-esponenti jirreleva li l-bajla waqghet ghal isfel u giet fit-triq, f'distanza ta' sitt metri (6m) il-boghod minn l-iScaffolding. Dan jindika li dik ma waqghetx hekk kif Clint telaqha izda meta il-Jib kien gia dar. Il-piz tal-bajla kien izommha fil-ganc u ghalhekk jidher li meta din il-bajla giet mitluqa minn fuq il-holqa tal-frame tal-bajla, ma kienetx tistrieh isfel fil-ganc, izda jidher li din strahet fuq ix-xifer tal-ganc u ma l-iskoss tal-Jib waqt li dan kien qieghed idur, din il-holqa inqabzet il-barra.*

*Philip Cassar sostna li s-safety lock tal-ganc kien ilu fil-lok xi tmien xhur u minn naha l-ohra Clint Schembri qal li meta ittella' l-materjal, dak ma kienx fil-lok rah hemm l-ghada. Minn dak li osserva l-esponent, ma kienx jidher li dak is-Safety Lock kien tpoggga fil-lok ftit minuti qabel ma sar l-access."*[21]

Da parti tieghu **David Saliba[22]** fil-kariga tieghu ta' Kap tat-Taqsimiet Teknici fi hdan l-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol xehed li wara li kien ivvaluta r-rapport li kien ghamel Norman Spiteri da parti tal-OHSA, hu stess kien ha d-decizzjoni li ma kelhomx jittiehdu passi kriminali kontra l-konvenut.

[18] Mhux guramentat.
[19] Fol 93
[20] Fol 105
[21] Fol 111
[22] Fol 115B



INFORMALI

Pero ghandu jinghad li cioe nonostante xehed l-ispettur **Jesmond Micallef**[23] li da parti tieghu kkonferma lil pulizija ezekuttiva kienet resqet akkuzi kontra Philip Cassar, il-konvenut, ta' griehi nvolontarji.

L-imsemmi **Norman Spiteri** ufficcjal ta l-Awtorita' tas-Sahha da parti tieghu xehed[24] li hu kien investiga il-kaz in dezamina. Ta'dan huwa presenta set ritratti mmarkati bhala dok NS1[25], liema ritratti jghid li ha dak in-nhar stess ta' l-incident. Jghid li darba li wasal fuq il-lant ta' l-incident huwa tkellem ma certu Santino Micallef li skontu kien il-main contractor tas-sit. Skont dan ix-xhud kien dan il-kuntrattur li kien fil-fatt inkariga lil Philip Cassar biex jghin lill-attur itella l-madum. Zied li meta mar fuq il-post hu ma kienx sab lil Philip Cassar, dan ghal habta ta' 4.45pm, pero izid li dana wasal hemm bil-*high up* li kien qed jintuza fil-hin ta' l-incident. Stabilixxa lil vittma kienet qed tghin lil Cassar, li da parti tieghu kien qed joppera l-*high up,* billi jimla l-bajla li imbaghad kienet qed tittella bl-istess *high up* biex b'hekk iben l-istess vittma ibattalha fis-sular opportun.

Senjatament jghid li gie ccekkjat minnhom[26] il-ganc ta' l-istess *high up* u gie kkonstatat li dana ma kellu ebda hsara. Jghid li l-ganc kien jahdem tajjeb, kellu s-*safety latch* kif suppost kif ukoll bicca hadida li kienet iservi ta' kontra piz. Zid li c-certifikat tal-*crane* in kwistjoni gie prodott lil pulizija.

Jghid ukoll dan ix-xhud illi darba li tkellem mall-vittma Schembri u ibnu Clint, dawn qabblu fil-versjoni taghhom ghajr ghal dak mitqal minn Clint li insista mieghu li l-ganc li kien qed jintuza fil-hin ta' l-incident kellu kulur ahmar, allura li l-ganc kien gie mibdul qabel l-access.

In kontro ezami zid jghid li r-ritratti imsemmija kienu ttiehdu dak in-nhar stess ta' l-incident. Zid jghid li x'hin mar fuq il-post il-konvenut Cassar, il-crane kien *equipped*[27] bil-ganc kif jidher fir-ritratti. Ikkalkula illi l-incident kien gara bejn it-tlieta u nofs u

[23] Fol 66c
[24] Fol 118A
[25] Fol 119-122
[26] Hu u kollega tieghu Charles Micallef.
[27] Fol 118c.



INFORMALI

l-erbgha ta' wara nofs in-nhar, (3.30- 4.00pm) u li hu ra l-ganc bejn il-hamsa u l-hamsa u kwart, (5.00 -5.15pm).

Ikkonferma ukoll illi ma sarx minnhom testijiet tal-ganc u tal-bajla.

Eskluda li qatt saritlu xi rimarka li l-istess Philip Cassar kien fuq il-mobile meta kien qed joppera l-bajla.

**Julian Lee Dimech** il-pulizija li kien wasal l-ewwel fuq il-post ta' l-incident jghid illi fuq il-post sahansitra ra persuna mixhuta ma l-art b'hafna dmija madwarha. Iddeskriva l-griehi tal-attur billi qal illi sahansitra kien hemm mudulun tal-mohh ma l-art.

Jikkonfermma wkoll illi meta wasal fuq il-post ma kienx hemm presenti l-operatur ta' l-istess *high up* u cioe l-konvenut, illi pero wasal fuq il-post appena gie mitlub mill-pulizija, jghid *"minufih"*[28].

Mir-rapport esebit mill-istess **Dimech**[29], cioe il-PIRS *report* mehud in konnessjoni ma l-incident, ma jidhirx illi l-istess Clint Schembri kien ilmenta mall-pulizija *a tempo vergine* fuq l-allegat bdil tal-ganc.

Da parti tieghu l-ispettur **Keith Arnaud**[30] senjatament ikkonferma li hu kien mar fuq is-sit ta' l-incident u ma kienx sab is-sewwieq u l-operatur tat-truck (minnu erronjament indikat bhala Gordon Cassar). Jghid li pero is-sewwieq mar fuq il-post mill-ewwel kif mitlub minnu. Ta' importanza ghal kaz inezami huwa l-piz tal-bajla li skont ix-xhud kienet ta' 43kilo, qal ukoll illi din il-bajla kienet imqabbda b'ganc li kien jillokkja u li kienet munita b'*safety latch* li kien jillokkja b'kontra piz. Qal li hu flimkien ma l-esperti mahtura fl-inkjesta' kienu vverifikaw li dan il-mekkanizmu kien fil-fatt jahdem. Zid pero li kien hemm waqtiet fejn irrizulta lli jekk dan jigi sfurzat bis-sahha, dan seta' izomm il-*latch* milli jmur lura f'postu. Xehed ukoll dwar l-allegazzjoni ta' Clint li l-*pin* tal-bajla ma kienx f'loku fil-hin ta' l-incident. Jghid pero illi *".. minn dak li rrizultalna ahna, l-kamini u l-viti li kienu mqabbdin bil-kontra piz, il-lock biex ma johrogx il-bajla, ma kinitx tindika dan u tidher li meta sar, ma kienx sar ricenti zgur il-kontra piz."*[31]

---

[28] Fol 175.
[29] Fol. 179.
[30] Fol 59A.

Dwar kif gara l-incident iddepona illi minn dak li kkonstatat fuq is-sit u tenut kont ta' fejn waqghet il-bajla w  anke wara li tkellem ma Clint Schembri, illi din ma waqghetx ezatt mal-hajt, imma x'hin il-jib kien gia dar il'barra, ghalhekk skontu l-bajla kienet maqlugha gia mhux hazin minn mal hajt.

Presenta kemm ir-rapport ta' l-incident li huwa rrediga lil Magistrat Inkwerenti[32] kif ukoll certifikat tal-griehi sofferti mill-attur[33].

Gie esebit ukoll ir-rapport redatt mis-**Scene of the Crime Officers**[34] appositament mahtura fl-inkjesta; ma l-istess hemm anness sensiela ta' ritratti[35] li juri kemm il-bajla u senjatament l-ganc li kien qed izommha bil-makkinizmu tal-*latch* u l-kontra piz.

Giet esebita ukoll ir-relazzjoni ta' l-espert mediku **Dr. Mario Scerri[36]** li kkonstata *a tempo vergine* n-natura u l-gravita' tal-griehi sofferti mill-attur.

Xehdu wkoll il-partijiet direttament u b'xi mod involuti fl-incident in ezami.
Da parti tieghu **Clint Schembri[37]** jghid illi hu jahdem jew ahjar kien jahdem ma missieru fit-tqeghid tal-madum.  Spjega li dak in-nhar ta' l-incident Philip Cassar kien qed ittella ir-ramel bit-truck, mentri hu kien in-naha ta' fuq, fit-tieni sular jiftah u jbattal il-bajla. Spjega li l-bajla kienet qed tintela minn got-truck li mieghu kellu l-*high up*, vettura wahda. Qal li t-truck kien vicin tal-hajt tant li setghu anke jghaddu l-karozzi. Spjega li missieru l-attur, kien qieghed jidderigi lil karrozzi biex jghaddu. Qal ukoll illi biex titbattal il-bajla din kellha *leaver* li jghola 'l fuq u dana ddur; (*pivoting biex jiftiehem ahjar*)[38]. Xehed li l-incident sehh wara li kienu ilhom minn fil-ghodu f'dan l-operat. Jaqbel li dana gara ghal habta ta' l-4.00p.m. Spjega l-incident billi qal illi li biex titbattal il-bajla ma kienx hemm bzonn li din tinqala' minn mill-ganc

[32] Dok KA1 fol 60.
[33] Dok KA2 fol 64.
[34] Fol 144
[35] Fol 148-156.
[36] Fol 133.
[37] Fol 43
[38] Spjegazzjoni tal-Qorti.



INFORMALI

taghha, zid *"Dak il-hin ta' l-incident, hin minnhom daret il-bajla bis-sahha u imbaghad waqqafha u l-bajla harget minn gol ta-ganc…..Nghid li l-bajla kien qed idawwarha ghal fuq il-lemin anke meta gara l-incident u dawwarha bis-salt"*[39].

Dwar l-ilsien tal-ganc, qal li dan sa minn fil-ghodu kien nieqes, ukoll li kellu jaqla l-bajla minn postha. Zid ukoll li dak il-hin ta' l-incident ghalih il-bajla ma kellhiex xi irbit iehor.
Ikkonferma ukoll illi wara l-incident x'hin wasslet l-ambulanza u l-pulizija, il-konvenut u t-truck ma kienux baqghu fuq il-post.

In kontro-ezami baqa jsostni lli meta wasslu fuq il-post ta' l-incident il-pulizija u l-ambulanza, il-konvenut ma kienx fuq il-post.
Senjatament jghid ukoll illi missieru wara l-incident saritlu operazzjoni u jghid li minn dak in-nhar 'l hawn baqa ma giex f'tieghu. Jghid ukoll illi missieru ma hadimx izjed wara l-incident.

**Clint Schembri** xehed ukoll quddiem l-assistent gudizzjarju.[40] Dwar l-istat ta' sahha ta' missieru jghid illi dana llum jghix gewwa *home* fil-Fgura, li jinsab f'sitwazzjoni kemm xejn gravi, li ma kienx fi stat li jiehu hsieb tieghu nnifsu. Spjega li missieru kien ilu rikoverat fil-*home* imsemmija ghal erba' xhur. Li l-hlas ghall-istess kien ta' **€785** mensili. Qal ukoll li din il-biddla f'missieru, ta' dipendenza, kienet okkorriet wara l-incident in ezami.

Minn jeddu l-konvenut **Philip Cassar** xehed[41] li dak in-nhar ta' l-incident xogholu kien li jtella r-ramel billi jimla l-bajla.
Ikkonferma li kemm il-vettura u l-bajla kienu propjeta' tieghu u li kienet ilha ghandu madwar sena sa dak in-nhar ta' l-incident.
Spjega li Clint kien qed jaghmillu s-sinjali, il-bajla titdawwar 'l gewwa ma' l-iscaffolding u li malli tasal jaqbudha, jigbduha 'l gewwa u jaqilbuha. Spjega li kif

---

[39] Fol 44
[40] Seduta 2 ta' Dicembru, 2013, a fol 159A et seq.
[41] Seduta assistant gudizzjarju datata 11 ta' Dicembru, 2014 a fol 197.



INFORMALI

tasal hdejhom il-bajla, ta' fuq kellhom inehhulha l-*lock* u b'hekk il-bajla tinqaleb ghal gewwa. Spjega ukoll illi l-*lock* imsemmi kien posizzjonat mal-gemb tal-bajla. Dwar l-incident zid li Clint Schembri kien qed jaghmillu s-sinjali, anke bit-tisfir, qal li x'hin kien ezatt qed idawwar il-bajla dina zammet il'gewwa u f'hin minnhom sparat 'il barra. Xehed li hu dawwar il-*jib* b'velocita' normali. Zid li ma setax iddawwar qawwi hafna.

Dwar il-presenza ta' l-attur spjega illi dan kien mar fuq il-post mat-tieni vjagg, spjega li qiesu ghadda s'hemm u li kien qed zzomm xi karozzi.

Qal li wara l-incident kien cempel lil missieru u lil huh, li hu kien sejjer ukoll l-isptar pero rega bdielu u mar jipparkja t-truck id-dar. Zid li wara xi hames minuti li kien wasal cemplulu mill-ghassa tas-Sliema u talbuh biex jerga jnizzel it-truck fuq is-sit ta' l-incident u jarmah kif kien fil-hin ta' l-istess. Hekk ghamel.

Rat ir-ritratti esebiti a fol 92, ritratt numru 7, u kkonferma lli l-ganc kien ezatt kif kien jidher hemm. Ikkonferma ukoll illi l-ganc kien armat kif kellu jkun, bil-kontro piz u li la darba li titilqu jerga jaqa' f'postu. Xehed li fl-ebda posizzjoni tal-vjagg ma kellu jinqala l-ganc, li l-ganc mhux suppost jintmiss.

Ikkonferma li meta xtara t-*truck* il-ganc kien l-istess li kien mal *high up,* l-istess wiehed. Spjega li biex jinqala l-ganc ried jinqata l-wire. Insista li l-ganc dejjem baqa l-istess.

Gie presentat ukoll affidavit ta' **Gordon Cassar**, hu il-konvenut[42].
Ikkonferma li kien huh il-konvenut li kien fil-fatt cemplilhom dwar l-incident. Hu u missieru nizzlu fuq il-post u anke wasslu lil Clint l-isptar ghax dan kien ecitat hafna.
Ikkonferma li missieru kien mar ghalih u regghu marru fuq il-post ta' l-incident u remaw l-vann bhas -soltu.

[42] Fol 210

Fl-affidavit tieghu[43] missier il-konvenut **Philip Cassar** xehed u kkonferma dak li qal ibnu anke li meta wasslu fuq il-post sabu kemm l-ambulanza kif ukoll il-pulizija. Qal li hu kien baghat lil Philip jipparkja il-vann id-dar. Zid li meta wasal hdejn Philip sabu bil-qeghda fuq l-ghatba u mar mieghu lura fuq il-post. Jghid li hemm regghu ramaw il-vann. Ikkonferma ukoll li l-ghada flimkien mal-pulizija kienu marru St.Andrew's fejn twieznet il-bajla, dan dejjem akkumpanjati mill-pulizija.

Wara l-verbal ta' din il-qorti datat 5 ta' Ottubru, 2016,[44] tela' jixhed in kontro ezami **Francis Schembri**[45].

Jghid li hu fuq is-sit ta' l-incident **mar minn jeddu**[46]. Philip qabdu jaralu it-triq peress li din kienet dejqa, kien qed jaralu jdawwar il-jib. Jghid li kien imbieghed erbghin pied mill-bajla. Baqa insistenti tul ix-xhieda tieghu lli l-ganc ma kellux is-*safety*, pero kkonferma li dana hu qatt ma rah b'ghajnejh u li kien qieghed

jirrepeti biss dak li kien qallu ibnu Clint. Ikkonferma li dana ibnu kien dak li kien fuq itella', it-tifel li hu erronjament irrefera ghalih bl-isem ta' Neil.

Spjega li hu wegga' ghaliex harget il-bajla u zid li kieku il-bajla kienet sura ta' nies ma kienx iwegga'. Qal ukoll li l-bajla kienet nofsha maqtugha u li l-konvenut telaq wara l-incident bex jirranga l-hsara li kellu.

Insista li l-konvenut kien mohhu fil-*mobile* u fl-gharusa. Insista li hu kien qieghed jassisti lil konvenut billi jaralu u li kien fil-lok ghaliex fi kliemu *"bzajt li jweggali t-tifel."*[47]

Ikkonferma li kagun ta' l-incident sahhtu kienet marret lura, li spicca '*disabled'*. Qal ukoll li fi zmien qabel l-incident huwa kien iqieghed il-madum.

INFORMALI

---

[43] Fol 211.
[44] Fol 228.
[45] **Ghandu jigi rilevat f'dan l-istadju illi ghalkemm l-avukat tal-konvenut ivvebalizzat li riedet taghmel il-kontro ezami ta' l-attur u fil-fatt dana sar quddiem l-assistent gudizzjarju, pero minn imkien mill-atti ma jirrizulta li l-attur qatt xehed minn jeddu. Anzi mill-istess atti jidher illi fil-mori ta' dawn il-proceduri gie verbalizzat ghal diversi drabi li l-kawza kienet qed tithalla ghal provi ta' l-attur. Tista tghid illi fil-maggor parti taghha l-kawza thalliet ghal dan l-iskop. Ma jidhirx lanqas li tali kontro-ezami gie qatt oppost mill-avukat difensur ta' l-attur innifsu. Dejjem jibqa l-fatt pero li l-attur espona l-fatti minnu allegati bil-gurament fir-rikors kif minnu guramentat.**
[46] Enfasi tal-Qorti.
[47] Pagna 5 tax-xhieda.

Suggerit lilu li l-espert tal-Qorti l-perit Aquilina kien fil-fatt ra s-*safety lock* baqa nsistenti illi kieku din kienet presenti, l-incident ma kienx jokkorri. Pero kkonferma li hu ma kellu ebda konoxxenza diretta ta' dak minnu mitqal dwar l-istess ganc.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-fatti esposti u mill-ezami tax-xhieda mismugha u dokumenti prodotti l-konvenut kien qed jopera bajla bil-*high up* tieghu li ukoll kien qieghed jimmanuvra hu. Iben l-attur Clint Schembri kien fit-tieni sular tal-binja taht kostruzzjoni ibattal b'ghajnuna ta' persuna ohra ir-ramel mill-istess bajla.
Jammetti l-istess attur illi huwa kien fuq il-lant tax-xoghol minn jeddu, fi kliemu ghax kellu biza' li jweggghalu ibnu Clint. Jidher illi fil-fatt hu minn jeddu ha r-rwol li jidderigi t-traffiku ghax it-triq fejn il-konvenut kien qieghed jimmanuvra il-*jib* skontu kienet dejqa. Dan l-istess rwol ta' l-attur huwa kkonfermat minn ibnu Clint, li pero jghid li l-karozzi setghu jghaddu mit-triq ghax it-truck bil-*high-up* kien ipparkjat mal-hajt.

Jirrizulta ukoll illi l-operat tax-xoghol kif deskritt mill-konvenut u Clint Schembri kien ilu ghaddej gurnata shiha sa l-erbgha ta' wara nofs in-nhar sakemm okkorra l-incident.

Jirrizulta ukoll il-bajla li kienet qed tintela bir-ramel kienet qed titbattal minn Clint u terz barrani li ma ra xejn mill-incident, u la darba li ntelqet minnhom, din kif daret ghal barra, ghax imdawwra bil-*jib*, inqatghet u waqghet ghal isfel fuq ras l-attur li soffra griehi konsidervoli kagun ta' hekk.

Ghalkemm Clint baqa insitenti lli l-ganc tal-bajla kien difettuz tant li jinsisti li kawza ta' l-incident kien in-nuqqas tas-*safety latch*/*lock* fil-bajla, li allura meta skontu l-konvenut immanuvraha bis-sahha din qabzet minn-ganc, ghandu jinghad illi l-kontrarju gie kkonstatat mill-esperti tal-Qorti kif surriferit. Clint jinsisti li l-ganc gie mbaghbas mill-konvenut fil-hin li hu telaq minn fuq il-post ta' l-incident sakemm mar



INFORMALI

lura kif ordnat mill-pulizija. Tant li muri r-ritratt tal-ganc kif kostatat mill-esperti jinsisti li l-ganc li kien qed jahdem bih il-*high up* tul il-gurnata kien wiehed differenti. Pero jirrizulta mill-provi illi fil-fatt iz-zmien li l-konvenut dam assenti ma kienx bizzejjed biex jinbidel jew jigi alterat il-mekkanizmu tal-ganc. L-istess konvenut xehed li l-*high up* dejjem baqa kif xtrah sena qabel circa. Aktar u aktar importanti u incisiv il-fatt li l-esperti tal-qorti jeskludu li kien hemm dak l-allegat *tempering* suggerit minn iben l-attur.

Dwar l-opinjoni ta' l-esperti, il-gurisprudenza taghna zvillupat is-segwenti linea ta' hsieb: *"Kif inghad fis-sentenza "Richard Falzon vs Construct Furniture Limited" (Prim'Awla Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta' Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m'hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista' tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova. (**"John Saliba -vs- Joseph Farrugia,"** Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **"Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud,"** Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001).*

Skont l-Artikolu 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn
il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi :-

*"Dan ma jfisserx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine"**, Appell, 29 ta' Mejju 1998).*

*Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi: "F' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-dispozizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" – "***Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine***"**,** *Appell, 9 ta' Frar 2001"*[48].

Illi din il-Qorti tqies wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha lilha esposti illi m'ghandha ebda raguni valida sabiex hi tiskarta jew tiddipartixxi mir-rapporti tal-espert taghha fid-dawl tal-provi mressqa u ghalhekk qeghda taddotta u taghmel taghha l-konkluzzjonijiet minnhom milhuqa fl-intier taghhom.

Il-Qorti se tghaddi issa biex tezamina **r-responsabilta' ta' l-incident.**

Qabel pero' ma l-Qorti tghaddi biex tezamina t-talbiet attrici mill-aspett ta' responsabilta' ta' l-incident u n-ness mehtieg bejn l-operat tal-konvenut u l-griehi sofferti mill-attur, jinhtieg jigi puntwalizzat illi l-Qorti hija fattwalment rinfaccata b'versjonijiet konfligenti bejn dak li xehed iben l-attur Clint u dak li xehed il-konvenut. Apparti ghal konluzzjonijiet peritali li l-Qorti gia hadnet fit-totalita' taghhom ghandu jinghad ukoll illi:

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "***Farrugia vs Farrugia***", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*
*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

[48] **Stencil Pave (Malta) Limited vs. Dr.Maria Deguara noe**. Rik.Nru1656/2001/1 deciza 12.06.2014

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "***Farrugia vs Farrugia***", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Insibu f'gudizzju iehor datat 28 ta' April 2003 fl-ismijiet "**Emanuel Ciantar vs David Curmi noe"** (PA/PS) inghad illi:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu, fis-sentenza fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg** ziedet fir-rigward:

*"...kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

INFORMALI

Dan it-taghlim gurisprudenzjali jwassal ghal konkluzzjoni lli l-qorti hija tenuta li tgharbel l-verzjonijiet lilha prodotti biex tasal ghal konkluzzjoni jekk wahda minnhom teskludiex, twaqqax lill-ohra fuq bilanc ta' probabbilitajiet.

Din ir-rassenja ta' gurisprudenza il-Qorti ghamlitha minhabba l-konflitt tax-xhieda fuq l-istat tal-ganc, specjalment kienx l-istess wiehed li kien operat waqt l-incident u jekk kienx qed jiffunzjona kif suppost. Dana kollu pero l-Qorti haditu ukoll in konsiderazzjoni kif gia ntqal ma dak konkluz mill-esperti nominati.

L-azzjoni mressqa hija bbazata fuq **l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-artikoli in kwistjoni jaqraw;

*"**1031.** Izda kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*

**1032. (1).** *Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza , id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

**(2)** *Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.*

**1033.** *"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Da parti tieghu l-konvenut kemm fl-eccezzjonijiet mressqa kif ukoll fis-sottomissjonijiet tieghu jirribatti kull responsabilta' ghal-akkadut. Jecepixxi illi kienu ibnu u l-istess attur li kellhom il-kontrol tal-bajla[49]. Issahhah illi hu ma kienx qieghed jimpjega jew inkariga lill-attur fl-operat li dan ghazel li jaghmel.

[49] Tieni eccezzjoni.



INFORMALI

Legislazzjoni specifika fuq minn ihaddem u l-obbligazzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol li jipprovdi *"a safe place and environment of work"* hija s-segwenti;

**L-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta)** jobbliga lil min ihaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur ghas-sahha u s-sigurta' tal-impjegati tieghu kif ukoll li jforni lill-impjegati tieghu bil-mezzi kollha u bl-apparat necessarju ghal dan il-ghan.

Fl-artikolu 6 tieghu, dan l-Att jestabilixxi li -

*"**6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx*



INFORMALI

*perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem*

*għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol"** ikompli hekk -

***4.*** *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol.*

*(2) Min ihaddem ghandu jaghmel dawk l-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi,*

INFORMALI

*waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriza.*

*(3) Min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan ghandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi informazzjoni u taghrif kif mehtieg:*

*Izda ghal dawn l-ghanijiet, min ihaddem ghandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi necessarji li bihom jizgura l-grad ta' standards ta' sahha u sigurtà mehtiega fuq il-post tax-xoghol:*

*Izda wkoll, bl-ghan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet ezistenti, min ihaddem ghandu jkun attent ghall-bzonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-mizuri mehuda biex jipprotegu s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema waqt li jikkunsidra c-cirkostanzi li jinbidlu.*

***5.** Minghajr hsara ghall-generalità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita riskji ghas-sahha u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-postijiet tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u xoghol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha."*

*[….]*

*18. (1) Min ihaddem ghandu jizgura li <u>haddiema temporanji</u> jinghataw l-istess livell ta' protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol bhal dak ta' haddiema ohrajn fl-impriza u, jew l-istabbiliment li taghmel uzu minnhom, u ghal dan il-ghan ghandu jibqa' responsabbli, ghat-tul taz-zmien tal-bicca xoghol, ghall-*

INFORMALI

*kundizzjonijiet konnessi mas-sahha, s-sigurtà u l-igene fuq ix-xoghol li jirregolaw il-prestazzjoni tax-xoghol.*

*Izda l-ezistenza ta' relazzjoni ta' mpjieg li tkun partikolari jew specifika ghal haddiem minhabba li jkun haddiem temporanju, m'ghandhiex tiggustifika trattament differenti fejn jidhlu l-kundizzjonijiet tax-xoghol fejn ikunu nvoluti l-protezzjoni tas-sahha u s-sigurtà, specjalment fejn jidhol l-access ghat-taghmir protettiv personali.*

*(2) Min ihaddem ghandu jipprovdi lill-haddiema temporanji b'informazzjoni li tinftihem dwar-*

*(i) kwalifiki tax-xoghol jew sengha mehtiega li jkollu haddiem sabiex ikun jista' jahdem minghajr periklu; u*

*(ii) is-sorveljanza tas-sahha li jehtieg; tinghata taht dawn ir-regolamenti jew taht xi regolamenti ohrajn mahruga taht l-Att;*

*(iii) il-fatturi specifici tax-xoghol li ser jinghata lill-haddiem temporanju, inkluzi xi riskji specifici addizjonali, fejn dawn il-fatturi jkunu jistghu jaffettwaw is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol;*

*Izda din l-informazzjoni ghandha tinghata lill-haddiem temporanju qabel ma jibda d-dmirijiet tieghu. Izda wkoll, fejn ikun indikat minhabba xi riskji ghas-sahha u s-sigurtà li johorgu jew ikunu prezenti fix-xoghol li ghalih il-haddiem temporanju jkun gie assenjat, min ihaddem ghandu jipprovdi bizzejjed taghrif xieraq skond il-karatteristici partikolari tax-xoghol, waqt li jikkunsidra l-kwalifici u l-esperjenza tal-haddiem temporanju."*

L-istess Att jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-haddiema -**

*7.* *(1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

*"15.* *(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurtà tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-taghrif u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem.*

*(2) Minghajr pregudizzju ghall-generalità ta' dan kollu, ghandu jkun id-dmir tal-haddiem li:*

*(a) jaghmel uzu korrett tal-makkinarju, apparat, ghodda, sustanzi perikoluzi, taghmir tat-trasport u mezzi ohrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jaghmel uzu korrett tat-taghmir protettiv personali moghti lilu u, wara l-uzu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew inehhi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà uzati, ma' makkinarju, apparat, ghodda, impjanti u bini, u li juza dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min ihaddem u, jew lill-haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema b'xi sitwazzjoni tax-xoghol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arrangamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min ihaddem u ma' haddiema bir-responsabbilità specifika ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex jitlesta x-xoghol jew htigijiet imposti mill-Awtorità sabiex jigu protetti s-sahha u s-sigurtà tal-haddiema fuq ix-xoghol;*

*(f) jikkopera ma' min ihaddem u, jew ma' haddiema bir-responsabbilità specifika*

INFORMALI

*ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema, ghat-tul ta' zmien necessarju sabiex min ihaddem jizgura li l-ambjent tax-xoghol u l-kondizzjonijiet tax-xoghol ikunu minghajr periklu u li ma jpoggu l-ebda riskju ghas-sahha u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività taghhom."*

Anke minn qari superfluwu tas-suespost wiehed jista' facilment jikkonkludi illi kull legislazzjoni citatata principalment tirrelata jew ghal minn ihaddem jew ghal haddiem innifsu. Applikati dawn ghal kaz in ezami minn imkien ma gie pruvat jew tressqet xi prova illi l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut, cioe kien haddiem a karigu tal-konvenut. Anzi *sua sponte* l-attur jghidilna li hu minn jeddu kien mar fuq il-lant tax-xoghol ta' ibnu ghax kellu biza' li ibnu jwegga'.

Huwa vera li dana spicca jghin lil konvenut fid-direzzjoni tat-traffiku u possibilment f'tal-bajla, pero dan ma jikkwalifikahx bhala haddiem fl-ispirtu tal-legislazzjonijiet citata. B'dana kollu ma jfissirx li l-konvenut huwa b'daqshekk ezenti minn responsabilta' ta' hsara kagunata lil terz, dan huwa ben kopert bil-principji stabbiliti fil-ligi civili indikata u anke fil-legislazzjonijiet sussidjarji msemmija fejn hu kawtelat anke lit-terz b'mod partikolari fejn tirreferri ghal *"persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir"*.

Il-kaz fl-ismijiet **Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et** deciz fis-26 ta' Gunju 2014 jigbor fih sintezi ta' gurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min ihaddem u anke tal-haddiema:

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem."*

*Gie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min*



INFORMALI

*jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi”* - *“**Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et”*** (Citazzjoni *numru 11/92DS).*

*Inoltre, gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta’ xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.*

*Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet **“Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et”** - deciza fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li "tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb - billi jerfa’ r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun sehh". Kompliet "Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f’kull kaz irid ikun hemm nexus ta’ bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

*Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta’ ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-“employer” talli ma pprovdiex “a safe system of work” lill-impjegat tieghu.*

*Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **“Bugeja vs Montanaro Gauci”*** - *deciza 14 ta’ Mejju 2004, “huwa daqstant importanti fil-kuntest ta’ responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta’ infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi “a safe place of work”.*

*Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara “**Grech vs Farrugia**”, deciza mill-Onorabbli Qorti talAppell fis-7 ta’ Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie*

*ritenut fil-kawza "**Borg vs Wells**" (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "**Sciriha vs O'Flaherty noe**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jingiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-kaz* **Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited** *deciza fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli 24 Cit Nru 2118/1998 Prim Awla tal-Qorti Civili (mhux appellata) 852/12MH 19 ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

INFORMALI

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u lawtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*



INFORMALI

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Jigi mizjud ma dan illi l-Qrati taghna ssostnu tlett elementi biex tista' tirnexxi azzjoni ta' danni bhal dik proposta;*

1- *il-fatt dannuz illecitu.*
2- *L-imputabilta' ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu*
3- *Id-dannu kagjunat minn dan l-istess fatt hu doluz jew li jwassal ghal culpa da parti ta' min ikun ghamlu.*[50] *Ghalhekk jinhtieg li jigi stabbilit n-ness guridiku bejn l-azzjoni tal-konvenut fl-operat tal-high up, u l-kindizzjoni ta' l-istess makkinarju (il-ganc) u l-incident in ezami.*

***Ghalhekk u konsegwentement ta' dan biex il-konvenut jinsab responsabbli ta' azzjonitu, issa r-irrelevanti jekk hux datur tax-xoghol, jinhtieg li jigi stabbilit sal-grad tal-probbali il-kawza u l-effett taghha*[51].**

L-awtur Torrente jiddefinnixi l-**culpa** bhala:-
*"un evento si dice colposo quando non e stato intenzjonalmente procurato ma si e' verificato a causa di negligenza, imprudenza, o imperizia, ovvero per inosservanza li leggi, regolamenti, ordini o discipline"*

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-esposizzjoni legislattiva u r-rassenja gurisprudenzjali suriferita, jirrizulta car u manifest li l-konvenut ma jistax jinsab responsabbli tal-incident in ezami. Apparti ghal fatt li hu ma kienx qieghed *"ihaddem"*, sal grad tal-probbabli la gie pruvat li hu ghamel xi manuvra li hasdet il-bajla, la gie pruvat li l-ganc tal-bajla ma kienx operattiv kif suppost u lanqas li ma kienx munit bis-*safety lock* mehtieg jew li dan ma

[50] Ara sentenza Qorti tal-Appell **Agius vs Busutill** deciza fl'14 ta' Dicembru, 1982.
[51] Enfasi ta' din il-Qorti.



INFORMALI

kienx fuzjonanti kif mehtieg. A kontrarju kull ispezzjoni li saret fuq il-makkinarju uzat tat rizultat posittiv. Hu unikament iben l-attur li fil-kawza ta versjoni tal-bdil tal-ganc.  L-istess attur da parti tieghu irrepeta biss dak li sostna ibnu. Dana l-qorti tiehdu in konsiderazzjoni ukoll mal-fatt li l-incident gara sew wara nofs in-nhar meta x-xoghol bl-istess makkinarju kien ilu ghaddej gia minn kmieni fil-ghodu. Zammet ukoll f'mohha l-fatt il-Qorti lli ghalkemm il-konvenut telaq minn fuq il-post ta' l-incident, kull espert ikkonkluda li l-makkinarju ma giex *tempered with*, imbaghbas, u li *der resto* ma kellux zmien ghal dan.

**Illi konsegwentement tenut dana kollu premess, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ghal kollox it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha mressqa.**

**Bl-ispejjez a karigu ta' l-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

INFORMALI